# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 79/2021 ISB**

**(1) Colinrose Limited (C-8717)**
**(2) Cardor Limited (C-8718)**
**(3) Emanuel Farrugia (K.I. 92255M) fil-kwalita` tiegħu ta' likwidatur tal-kumpannija Plus Four Limited (C-35454)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji u b'digriet tas-7 ta' Marzu, 2022 ġew kjamati fil-kawża Josianne Rose Bonavia (K.I. 317684M), Emanuel Formosa (K.I. 69845M), Nicholas Formosa (K.I. 433850M), Rosario Formosa (K.I. 318473M) u Maria Carmela magħrufa bħala Marica Gauci (K.I. 100169M) *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Colinrose Limited, Cardor Limited** u **Emanuel Farrugia fil-kwalita tiegħu ta' likwidatur tal-kumpannija Plus Four Limited**, intavolat fid-29 ta' Settembru 2021, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

> *...tordna li l-isem tal-kumpannija 'Plus Four Limited' (C-35454) jerga' jitqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpannijij ghaz-zmien li jista' jigi prefiss minn din il-Qorti u li l-istralc tal-istess kumpanija jerga' jinfetah, u dan taht dawn id-direttivi u*

*provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti thoss li huma xierqa u idoneji fic-cirkostanzi.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi s-socjetajiet rikorrenti huma l-azzjonisti tal-kumpannija 'Plus Four Limited' (C-35454) bl-indirizz "Plus Four Office' Tourists Street, St. Paul's Bay, kif jidher mill-Memorandum and Articles tal-kumpannija, li huma hawn annessi **Dok PF1**.*

2. *Illi kif jidher mill-ittra tal-likwidatur datata 21 ta' Dicembru 2020 (annessa **Dok PF2**), din il-kumpannija giet stralcjala skont l-Artikolu 274(2) tal-Kap 386. Illi din il-likwidazzjoni kienet volontarja.*

3. *Illi l-likwidatur tal-kumpannija kien ir-rikorrent Emanuel Farrugia.*

4. *Illi din il-kumpannija 'Plus Four Limited' (C-35454) giet stralcjata u isimha gie kkancellat mir-Registru tal-Kumpanniji hekk kif jidher anke mill-estratt mill-website tal-MBR anness bhala **Dok PF3**, fejn id-data effettiva kienet l-20 ta' April 2021.*

5. *Illi wara t-thassir tal-kumpannija mir-Registru, ir-rikorrenti ndunaw li bi zvista kien hemm immobbli tal-kumpannija li ma gewx meqjusa fl-istralc.*

6. *Illi dawn il-proprjetarji huma l-arjiet sovrastanti:*

   *i. 'August Rush Court' Triq Ponsombi Mosta (arja sovrastanti penthouse wahda)*
   *ii. 'Cavatina Place' Triq Dun Gwann, H'Attard (arja sovrastanti zewg penthouses)*
   *iii. 'Les Lapins Court' Vjal Indipendenza, Mosta (arja sovrastanti tliet penthouses)*

7. *Illi l-kumpannija Plus Four Ltd kienet akkwistat l-art li fuqha inbnew dawn il-kumplessi, bieghet l-appartamenti, penthouses u garaxxijiet, izda kienet zammet l-arjiet u drittijiet relatati.*

8. *Illi l-provenjenza tal-istess arjiet huwa hawn spjegat:*

*A.* ***'August Rush Court' Triq Ponsombi Mosta***

   *i. Illi permezz taz-zewg kuntratti ta' bejgh datati 1 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat (anness bhala **Dok PF4**) u 10 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat (anness bhala **Dok PF5**), il-kumpannija akkwistat l-art li fuqha nbniet l-kumpless "August Rush", Ponsombi Street, Mosta*

   *ii. Illi skont il-kuntratt ta' bejgh datat 6 ta' Novembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (anness bhala **Dok PF6)** il-kumpanija bieghet il-penthouse bin-numru '5' tal-block 'August Rush Court' Triq Ponsombi, Mosta izda l-kumpannija zammet favur taghha il-proprjeta` tal-bejt u tal-arja bid-drittijiet u pertinenzi taghha kif spjegati inkluz li testendi l-partijiet komuni, tqabbad ma' servizzi ezistenti u tiftah aperturi godda.*

B. ***'Cavatina Place' Triq Dun Gwann, H'Attard***

i. *Illi skont il-kuntratt ta'bejgh datat 3 t'Ottubru 2008 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (anness bhala **Dok PF7**) il-kumpannija akkwistat l-art li fuqha inbiet il-kumpless "Cavatina Place", Triq Dun Gwann, H'Attard*

ii. *Illi skont il-kuntratt ta' bejgh datat 22 ta' Gunju 2010 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (anness bhala **Dok PF8**) il-kumpannija bieghet il-Penthouse bin-numru '6' 'Cavatina Place' Triq Dun Gwann, H'Attard, u rriservat a favur taghha il-proprjeta tal-bejt u l-arja sovrapposta tal-block bid-drittijiet u pertinenzi taghha kif spjegati inkluz li testendi l-partijiet komuni, tqabbad ma' servizzi ezistenti u tiftah aperturi godda.*

iii. *Illi skont il-kuntratt ta' bejgh datat 6 ta' Dicembru 2010 fl-atti tan-Nutar Joanne Lia (anness bhala **Dok PF9**) il-kumpannija bieghet il-penthouse bin-numru '5' 'Cavatina Place' Triq Dun Gwann, H'Attard, u rriservat a favur taghha il-proprjeta tal-bejt u l-arja sovrapposta bid-drittijiet u pertinenzi taghha kif spjegati inkluz li testendi l-partijiet komuni, tqabbad ma' servizzi ezistenti u tiftah aperturi godda.*

C. ***'Les Lapins Court' Vjal Indipendenza, Mosta***

i. *Illi skont il-kuntratt ta' bejgh datat 15 ta' Mejju 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat (anness bhala **Dok PF10**) il-kumpannija akkwistat l-art li fuqha inbena l-kumpless 'Les Lapins Court' Vjal Indipendenza Mosta*

ii. *Illi skont il-kuntratt tal-bejgh datat 24 ta' Settembru 2008 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (anness bhala **Dok PF11**) il-kumpannija bieghet l-penthouse bin-numru '4' ta' Block 'B' "Les Lapins Court" Vjal Indipendenza, Mosta, u rriservat a favur taghha il-proprjeta tal-bejt u l-arja sovrapposta bid-drittijiet u pertinenzi taghha kif spjegati inkluz li testendi l-partijiet komuni, tqabbad ma' servizzi ezistenti u tiftah aperturi godda.*

iii. *Illi skont il-kuntratt ta' bejgh datat 24 ta' Settembru 2008 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (anness bhaal **Dok PF12**) il-kumpannija bieghet l-penthouse bin-numru '7' tal-Block 'A' "Les Lapins Court", Vjal Indipendenza, Mosta, u rriservat a favur taghha il-proprjeta tal-bejt u l-arja sovrapposta bid-drittijiet u pertinenzi taghha kif spjegati inkluz li testendi l-partijiet komuni, tqabbad ma' servizzi ezistenti u tiftah aperturi godda.*

iv. *Illi skont il-kuntratt ta' bejgh datat 3 t' Ottubru 2008 fl-atti tan-Nutar Robert Micallef (anness bhala **Dok PF13**) il-kumpannija bieghet l-penthouse bin-numru '8', Block 'A', 'Les Lapins Court' Vjal Indipendenza, Mosta , u rriservat a favur taghha il-proprjeta tal-bejt u l-arja sovrapposta bid-drittijiet u pertinenzi taghha kif spjegati inkluz li testendi l-partijiet komuni, tqabbad ma' servizzi ezistenti u tiftah aperturi godda.*

9. *Illi dawn il-proprjetajiet ma ssemmewx biss bi zball u bi zvista tar-rikorrenti, u huwa necessarju li l-kumpannija terga' titqieghed fuq il-lista u jerga' jinfetah l-istralc, sabiex tkun jista' jigi retifikat dan l-izball materjali.*

10. *Illi s-socjetajiet rikorrenti jaqblu li l-proprjetajiet li hemm il-bejgh ghalihom kif maqbul mill-azzjonisti, jinbieghu mill-istralcarju f'isem il-kumpannija, u finalment jinqasam ir-rikavat bejn l-azzjonisti. F'kaz li l-arjiet ma jinbieghux kollha entro t-terminu li jista' jigi stabbilit minn din il-Qorti, l-azzjonisti jaqblu li l-arjiet rimanenti jigu assenjati lill-azzjonisti skont l-ishma taghhom fil-kumpannija cioe` nofs indiviz kull wiehed.*

11. *Illi skont l-Artikolu 300B tal-Kapitolu 386, meta kumpannija tkun thassret minn fuq ir-registru kull persuna interessata tkun tista titlob lill-Qorti sabiex tordna hi li l-isem tal-kumpannija jigi restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga jinfetah sabiex għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha.*

12. *Ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 7 sa fol 124).

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta` Ottubru 2021 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-12 ta' Jannar 2022 fid-9:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-6 ta' Diċembru 2021 (ara tergo ta` fol 126).

Rat illi fil-21 ta' Diċembru 2021, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 127), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża peress illi l-konvenuta Reġistratur m'hijiex edotta mill-fatti kollha kif ġew dikjarati fir-rikors promotur, hija tirimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi skont kif ġie dikjarat fir-rikors odjern, wara t-tħassir tal-kumpanija Plus Four Limited (C 35454) konsegwenza ta' stralċ volontarju, ir-rikorrenti ndunaw li bi żvista kien hemm immobbli tal-kumpanija li ma ġewx meqjusa fl-istralċ;*

*Illi l-ewwel rekwiżit illi għandu jiġi pruvat skont l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, huwa illi r-rikkorrenti jkunu persuni nteressati. Tali rekwiżit huwa wieħed illi għandu jitqies skont il-fatti u ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u għaldaqstant hija dina l-Onorabbli Qorti illi għandha tistabbilixxi jekk l-elementi rekwiżiti sine qua non jeżistux u jekk iva, jeżistux b' tali mod illi jimmeritaw ir-rimedju eċċezzjonali u straordinarju provdut fl-imsemmi artikolu;*

*Illi t-tieni rekwiżit illi jagħti lok għall-istituzzjoni tal-azzjoni taħt l-artikolu 300B huwa illi r-rikors promotur għandu jiġi preżentat sa żmien massimu ta' ħames snin mid-data illi fiha l-isem tal-kumpanija in kwistjoni jkun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"). Billi l-isem tal-kumpanija Plus Four*

*Limited (C 35454) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fl-20 ta' April 2021 u billi r-rikors promotur ġie preżentat fid-29 ta' Settembru ta' dina s-sena, it-terminu preskritt mil-liġi ġie osservat;*

*Illi di piu' skont is-subartikolu 3 tal-Artikolu 300B, dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta illi dak li jaħseb għalih is-subartikolu 2 tal-Artikolu 300B kien jikkostitwixxi l-uniku rimedju skont il-liġi għad-disposizzjoni tar-rikorrenti. Ta' min wieħed jgħid illi l-proċedura illi wasslet għax-xoljiment, stralċ u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru kienet waħda illi bdiet volontarjament mill-azzjonisti u uffiċjal tal-kumpanija stess. Għaldaqstant, il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-isem tal-kumpanija de quo huwa wieħed pubbliku u d-dokumentazzjoni relattiva għal tali tħassir huwa wieħed aċċessibbli għall-viżjoni ta' terzi persuni. Illi għalhekk huwa mportanti ħafna illi fis-sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti għandha tispeċifika jekk l-ordni tagħha taħt dan l-Artikolu, jekk huwa l-każ, jolqotx biss ir-rikorrenti illi qiegħed jippromovi tali rimedju straordinarju;*

*Illi kif dejjem ġie sottolineajat mill-Qrati tagħna, iż-żewġ elementi illi jipprovdu l-qofol sostanzjali tal-Artikolu 300B huma illi wieħed jipprova kjarament illi l-proċess tal-istralċ u tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru kien wieħed ivvizjat jew bi frodi jew, bħalma qiegħed jiġi allegat f'din il-kawża bl-element ta' illegalita' ta' natura materjali. Dawn iż-żewġ raġunijiet jidhru illi huma ristretti fin-natura tagħhom iżda s-sinifikat u l-applikazzjoni tagħhom f' każijiet partikolari ngħataw b'mod lampanti f'interventi interpretattivi tal-Qrati tagħna. Dawn, kif intqal qabel, dejjem ħadu in konsiderazzjoni il-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ illi kellhom quddiemhom;*

*Illi r-Registratur tħoss li kien fid-dover tal-kumpanija u iktar speċifikament tal-likwidatur illi jkunu ċerti illi l-kumpanija ma kien fadlilha l-ebda assi pendenti qabel ma bdew il-proċess ta' stralċ volontarju kif ukoll tul il-proċess tal-istralċ rispettivament. U għaldaqstant dan huwa indikazzjoni ta' traskuraġni, imprudenza jew nuqqas t' attenzjoni da parti tar-rikorrenti. Illi ta' min wieħed jispeċifika illi s-soċjetajiet rikorrenti m'humiex l-azzjonisti tal-kumpanija Plus Four Limited, iżda l-azzjonisti li huma reġistrati bħala tali mar-Reġistratur huma s-segwenti persuni: Josianne Rose Bonavia, Emanuel Formosa, Maria Dolores Formosa, Nicholas Formosa, Rosario Formosa u Maria Carmela K/A Marica Gauci (li huma azzjonisti fis-soċjetajiet rikorrenti);*

*Illi fl-essenza tiegħu r-rimedju illi tista' tagħti dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ, huwa wieħed speċjali u eċċezzjonali. Għalhekk f'kull każ il-Qorti għandha teżerċita kawtela u tuża d-diskrezzjoni tagħha b-mod ċar sabiex taċċerta ruħha illi tali każ huwa wieħed ġenwin sabiex jiġi skansat kull lok ta' abbuż. Dan huwa fatt importanti meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi l-liġi ma tagħti ebda ħjiel jew definizzjoni ta' x' jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Ta' min jgħid illi mhux kull illegalita' tiskatta l-jedd għar-rimedju taħt l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Ta' min wieħed jgħid ukoll illi x' inhu materjali jiddependi mill-fattispeċi ta' kull każ individwali u għalhekk irid jiġi ppruvat b' mod lampanti min-naħa tar-rikkorrenti għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti. Għalhekk, tali illegalita' trid tkun waħda illi wasslet għall-ivizzjar tal-proċess tal-istralċ. Illi għalhekk l-istralċjarju kellu joqgħod ferm attent illi jara illi qabel ma għadda għall-proċedura illi twassal għall-kanċellament u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni, huma jkunu kollha effettivament u verament konklużjoni. Dan mingħajr il-hsieb komdu illi jekk jinqala xi ħaġa wara, jista' jirrikorri għar-rimedju taħt xi artikolu illi jipprovdi l-Att dwar il-Kumpaniji, speċifikament l-Artikolu 300B tal-istess Att. Illi appuntu l-funzjoni tal-istralċjarju, kif ġie magħżul mis-soċji tal-kumpanija jeżiġi illi jillikwida u jikkonkludi l-affarjiet tal-kumpanija illi l-isem tagħha sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru bħala konsegwenza tal-inkarigu mportanti tiegħu;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti rimedju taħt l-Artikolu 300B ir-Reġistratur umilment tissolleva illi dan għandu jiġi akkordat bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u għandu jingħata żmien improrogabbli sabiex l-affarjiet tal-kumpanija in kwistjoni jiġu definittivament konklużi u sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

Rat id-dokumenti esebiti mar-Risposta (fol. 132 sa fol. 137)

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2022, deher l-Avukat Douglas Aquilina għar-rikorrenti u dehret Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji u l-Qorti ordnat, fuq talba tas-socjeta` rikorrenti u b'referenza għar-risposta tal-intimat Reġistratur, il- kjamat in kawża tal-azzjonisti tal-Kumpannija Plus Four Ltd, u ċioe Josianne Rose Bonavia, Emanuel Formosa, Maria Dolores Formosa, Nicholas Formosa, Rosario Formosa u Maria Carmela k/a Marica Gauci u rat li l-Av. Aquilina ta ruħu b'notifikat għall-persuna kollha kjamati in kawża.

Rat n-nota ppreżentata mir-rikorrenti fil-15 ta' Marzu 2022 (fol 141) b'affidavit ta' Rosario Formosa (Dok M1, fol 142 sa fol 144) b'dokumenti annessi (Dok S1 sa Dok S13, fol 145 sa fol 162)

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022, id-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-patroċinati tagħhom m'għandhomx aktar provi x'jipproduċi u l-Qorti rat illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li s-soċjetajiet rikorrenti huma lkoll azzjonisti fil-kumpannija kummerċjali b'responsabilita` limitata bl-isem ta' **Plus Four Limited (C-35454),** liema kumpanija ġiet reġistrata fit-23 t'Ottubru 2006 u sussegwentament xjolta u *struck off* nhar il-21 ta' Diċembru 2020 u dana permezz proċess ta' likwidazzjoni volontarja.

Illi jirrizulta illi fil-kors tal-likwidazzjoni u l-eventwali distribuzzjoni tar-rimanenti assi tas-soċjeta Plus Four Limited, l-istralċjarju naqas milli jieħu konjizzjoni ta' immobli tal-kumpanija, u ċioe l-artijiet sovrastanti:

i. "August Rush Court" Triq Ponsombi Mosta (arja sovrastanti penthouse waħda)
ii. "Cavatina Court" Triq Dun Ġwann, Ħ'Attard (arja sovrastanti żewġ penthouses)
iii. "Les Lapins Court" Vjal Indipendenza, Mosta (arja sovrastanti tliet penthouses)

Illi jirriżulta li l-kumpannija Plus Four Ltd kienet akkwistat l-art li fuqha nbnew l-imsemmija kumplessi, biegħet l-appartamenti, penthouses u garaxxijiet, iżda żammet l-arja u drittijiet relatati.

Illi jirrizulta illi in segwitu għal dak li ġara u l-ommissjoni da parti tal-persuna inkarigata mill-istralċ ta' Plus Four Limited, ir-rikorrenti għandhom interess illi l-kumpannija kummerċjali b'responsabilita limitata Plus Four Limited terġa` tiġi restitiwita fuq ir-Reġistru sabiex l-imsemmija immobbli jinbiegħu mill-istralċjarju u finalment jinqasam ir-rikavat bejn l-azzjonisti, u f'każ li dan ma jseħħx fit-terminu li jiġi stabbilit mill-Qorti, l-azzjonisti jaqblu li l-artijiet rimanenti jiġu assenjati lill-azzjonisti skont l-ishma tagħhom fil-kumpannija.

Illi jirrizulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuz. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

Illi r-Registratur intimat jirrimarka li huwa ferm stramb li t-talba sabiex jerġa` jinfetaħ l-istralċ taż-żewġ kumpannija qeghdin jintqiegħdu fl-istess keffa u dana minħabba l-fatt li jidher ċar illi l-provi tal-elementi *sine qua non* illi jikkostitwixxu dan l-Artikolu huwa wieħed soġġettiv u għaldaqstant għandu jitqies *on a case by case basis*.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fix-xhieda tiegħu bl-affidavit, **Rosario Formosa,** bħala wieħed mill-azzjonisti tas-soċjeta` Plus Four Limited, jispjega li llum iż-żewġ kumpannija rikorrenti Colinrose Limited u Cardor Limited m'għadx għandhom interess fis-soċjeta Plus Four Limited u dana stante li fis-sena 2008, l-ishma ta' Plus Four Limited kienu ġew trasferiti mingħand is-soċjetajiet rikorrenti għal għand Carmel Formosa, Nicholas Formosa, Emanuel Formosa u Rosario Formosa. Jgħid li in segwitu għal dan, fis-sena 2012, wara l-mewt ta' Carmelo Formosa, l-ishma ġew devoluti fuq uliedu u ċioe: Josianne Rose Bonavia, Emanuel Formosa, Maria Carmela Gauci, u Maria Dolores Formosa biex b'hekk l-ishma meta ġiet stralċjata l-kumpannija kienu s-segwenti:

(i) Emanuel Formosa – 146
(ii) Maria Dolores Formosa – 62
(iii) Nicholas Formosa – 125
(iv) Rosario Formosa – 125
(v) Josianne Rose Bonavia – 21
(vi) Maria Carmela Gauci – 21

Jispjega li dawn il-proċeduri ġew ippreżentati minħabba li wara li l-kumpanija ġiet stralċjata u mnehhija minn fuq ir-Registru, irriżulta li kien hemm xi propjetajiet li bi żball ma kinux inklużi fl-istralċ tal-kumpannija u li sa llum għadhom jappartjenu lil Plus Four Limited. Jgħid li l-propjetajiet huma s-segwenti:

i. L-arja sovrastanti l-penthouse tal-blokk "August Rush Court" Triq Ponsombi Mosta
ii. L-arja sovrastanti iż-żewġ penthouses tal-blokk "Cavatina Court" Triq Dun Ġwann, Ħ'Attard
iii. L-arja sovrastanti it-tliet penthouses tal-blokk "Les Lapins Court" Vjal Indipendenza, Mosta

Jenfasizza li dawn l-artijiet u drittijiet fuq l-istess proprjetajiet ma ġewx inklużi fl-istralċ bi żvista, fejn kienu nbiegħu l-appartamenti, penthouses u garaxxijiet u nżammet l-arja, u li qatt ma kien hemm xi intenzjoni malizzjuża jew qarrieqa u filfatt kif hu flimkien mal-azzjonisti l-oħra indunaw x'kien ġara, mal-ewwel fetħu dawn il-proċeduri.

Jgħid li għandu kull interess li dawn l-assi jiġu nklużi mal-assi tal-kumpanija sabiex b'hekk jiġu assenjati lill-azzjonisti skont is-sehem rispettiv. Jgħid li hu u l-azzjonisti l-oħra jaqblu li jekk kemm -il darba isem il-Kumpannija jerġa` jiġi nserit fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, l-artijiet jiġu mibjugħa mill-istralċjarju f'isem il-kumpannija Plus Four Limited u finalment jinqasam ir-rikavat bejn l-azzjonisti, u jekk kemm -il darba ma jinbiegħux, jiġu assenjati lill-azzjonisti skont is-sehem rispettiv tagħhom.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

*(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
*(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*
*(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi in vista tal-affidavit ta' Rosario Formosa huwa evidenti li s-soċjetajiet rikorrenti m'għandhomx interess f'din l-azzjoni u dana stante li m'għandhomx azzjonisti tas-soċjeta` Plus Four Limited u għalhekk sejra tikkunsidra t-talba magħmulha fir-rikors promotur mir-rikorrenti Emanuel Farrugia fil-kwalita` tiegħu ta' likwidatur tal-kumpannija Plus Four Limited, ghaliex il-Qorti tqis tali ufficjal bhala persuna interessata.

Dwar il-mertu, il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi propjeta` immobbli ma ġewx inklużi fl-istralċ tal-kumpannija Plus Four Limited. L-imsemmija propjeta` immobbli tikkonsisti fis-segwenti:

i. L-arja sovrastanti l-penthouse tal-blokk "August Rush Court" Triq Ponsombi Mosta
ii. L-arja sovrastanti iż-żewġ penthouses tal-blokk "Cavatina Court" Triq Dun Ġwann, Ħ'Attard
iii. L-arja sovrastanti it-tliet penthouses tal-blokk "Les Lapins Court" Vjal Indipendenza, Mosta

Fix-xhieda tiegħu Rosario Formosa jgħid b'mod ċar u inekwivoku li kien żball u żvista li dawn il-propjetajiet ma ġewx inklużi għax ċertament li kien ikun ta' benefiċċju għall-azzjonisti li dawn il-propjetajiet jiġu nklużi.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istalċ ġie konkluż mingħajr ma ġew inklużi l-imsemmija propjetajiet jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar bi żvista.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex jinbiegħu jew alternattivament jiġu assenjati lill-azzjonisti l-propjetajiet msemmiha fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-Professur Andrew Muscat ighid:

*A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni tar-rikorrenti li l-proċedura tal-istralċ tinħtieġ aktar attenzjoni sabiex żbalji jew żvisti simili għal dak li seħħu fil-każ odjern ma jirrepetux ruhom.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tqis it-tħollija barra ta' propjeta` immobbli msemmija fir-rikors promotur qabel ma ġie ffinalizzat tal-istralċ tal-kumpannija msemmija kien illegali u jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi, li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. **Tordna** li l-isem **Plus Four Limited (C-35454)** jerġa jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. **Tordna** illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanniji **Plus Four Limited (C-35454)** limitatament sabiex jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġu mibjugħa mill-istralċjarju, jew, f'każ tan-nuqqas ta' bejgħ jiġu assenjati lill-azzjonisti tal-istess soċjeta` **Plus Four Limited (C-35454)** il-propjetajiet immobli li jikkonsistu fis-segwenti:

    i. L-arja sovrastanti l-penthouse tal-blokk "August Rush Court" Triq Ponsombi Mosta
    ii. L-arja sovrastanti iż-żewġ penthouses tal-blokk "Cavatina Court" Triq Dun Ġwann, Ħ'Attard
    iii. L-arja sovrastanti it-tliet penthouses tal-blokk "Les Lapins Court" Vjal Indipendenza, Mosta

3. **Taħtar** lill-Emanuel Farrugia sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **Plus Four Limited (C-35454)**.

4. **Tordna** lill-istess stralċjarju Emanuel Farrugia sabiex jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jiġu mibjugħa l-proprjetajiet elenkati jew f'każ tan-nuqqas ta' bejgħ jiġu assenjati lill-azzjonisti tal-istess soċjeta` Plus Four Limited (C-35454) u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

    a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tal-kumpannija **Plus Four Limited (C-35454)** għandu jkun komplut sa

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

zmien massimu ta' hames snin mill-llum, b'dan illi wara dan il-perjodu, ir-Reġistratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem il-kumpanniji msemmija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji.

b) F'eventwalita' illi jiġu mibjugħa il-propjetajiet immobli qabel t-trapass tal-perjodu koncess, allura ir-rikorrenti Emanuel Farrugia ghandu javza b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija mill-gdid ta' l-isem tal-kumpanniji Plus Four Limited (C-35454) minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minnufih.

c) Illi l-qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju tagħha sabiex isir xi haġa oħra, għajr għal dak hawn deċiz u huwa għalhekk illi l-Qorti qed taghmilha cara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji, il-kumpanniji Plus Four Limited (C-35454) tista` biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tittrasferixxi u/jew tassenja l-propjeta` immobbli hawn fuq immsemmija fit-termini decizi u xejn aktar.

d) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita limitata Plus Four Limited (C-35454) fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpannija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tal-kjamati in kawża.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |